MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1462/2004

**Anthony Farrugia u martu Maria sive Marlene Farrugia**

**Vs**

**Verdala Antiques Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm270 (mitejn u sebghin lira Maltin) dovuti in rifuzjoni ta' prezz ta' bejgh ta' 'chest of drawers'.

Ra n-nota ta' cessjoni prezentata fil-1 ta' Novembru 2004 fejn is-somma mitluba giet ridotta ghal Lm120.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-23 ta' Lulju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fl-1 ta' Novembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------